Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 810/2011

**Joseph Camilleri (ID 217158 M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Jesmond Pulis (ID 105965 M) u**
**Lorry Theuma (ID 667658 M) (appellant)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba datat 15 ta' Settembru 2011,[1] l-attur talab lit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar għal bejgħ ta' trukk Volvo Car Transporter bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 697 skont skrittura datata 18 ta' Frar 2011,[2] bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 26 ta' Lulju 2011, dawk tal-mandati ta' sekwestru u bl-imgħaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

2. Permezz ta' risposta[3] ppreżentata fil-25 ta' Ottubru 2011 il-konvenut Lawrence Theuma wieġeb illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-numru tal-vettura indikat hu żbaljat u qatt ma rċieva xi trukk mingħand l-attur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Permezz ta' risposta[4] datata 26 ta' Ottubru 2011 il-konvenut l-ieħor Jesmond Pulis wieġeb li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontrih peress li: (1) il-kundizzjonijiet kumulattivi pattwiti mill-partjiet fl-iskrittura privata tat-18 ta' Frar 2011 illi jagħtu lill-attur id-dritt illi jeżiġi l-ħlas tas-somma minnu mitluba permezz tal-avviż odjern ma avverawx ruħhom kollha; (2) sforz l-inadempjenza tal-attur ma l-obbligi minnu assunti fl-iskrittura u ma'

[1] Fol. 1.
[2] Fol. 2.
[3] Fol. 7.
[4] Fol. 8.

dawk imposti fuqu mil-liġi, il-konvenut Jesmond Pulis inkorra spejjeż u danni illi addirittura jammontaw għal somma akbar minn dik mitluba permezz tat-talba; (3) ma għandu jħallas xejn lill-attur in konnessjoni mal-bejgħ tal-vettura mertu tal-proċeduri odjerni u l-pretensjonijiet tiegħu fir-rigward huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż inklużi dawk tan-nota in atti tal-ittra ġudizzjarja datata 26 ta' Lulju 2011 ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. B' digriet tas-26 ta' Marzu 2012 a fol. 22 it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fit-talba fl-atti tal-kawża sabiex in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura *de quo* jiġi jaqra EBP647.

5. Sussegwentement Lawrence Theuma ppreżenta risposta ulterjuri[5] li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li n-numru tal-vettura kif korrett ma jaqbilx ma' dak indikat fl-iskrittura Dok JC1, u l-konvenut Lawrence Theuma qatt ma rċieva xi trukk mingħand l-attur.

6. Permezz ta' sentenza[6] tal-11 ta' Frar 2015, it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar iddeċieda billi:

(1) laqa' t-talba attriċi kif formulata;
(2) ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha taż-żewġ konvenuti;
(3) ikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu, *in solidum* bejniethom, lill-attur il-quantum ta' tlett elef Ewro (€3,000.00c) b' dana li l-ħlas isir sa tletin jum mis-sentenza u jekk jonqsu jibda għaddej l-imgħax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv, u fiċ-ċirkostanzi;
(4) ordna li l-kawża tibqa' bla taxxa bejn il-kontendenti b'dana li jekk ma jitħallasx il-*quantum* fi żmien tletin ġurnata mill-lum anke l-ispejjes tal-kawża jkunu a karigu tal-kovenuti in solidum.

7. Illi minn din is-sentenza appella biss Lawrence sive Lorry Theuma. L-aggravji huma:

(i) it-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq l-iskrittura tat-8 ta' Jannar 2011, meta rriżulta li t-trukk hemm indikat, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBP-697 ma jeżistix u qatt ma ġie trasferit lill-konvenuti peress li l-istess numru ta' reġistrazzjoni ġie ndikat b' mod żbaljat fuq l-

[5] Fol. 23.
[6] Fol. 75.

istess kitba privata, imma ma saret l-ebda talba għall-korrezzjoni ta' tali numru ta' reġistrazzjoni;

(ii) jirriżulta ukoll li t-trukk ġie eventwalment trasferit, dak bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 647, lill-XTC Towing Services Ltd., li m'għandu l-ebda sehem fiha.

8. Illi permezz ta' risposta datata 20 ta' Marzu 2015 Joseph Camilleri qal li s-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar hi ġusta u timmerita konferma peress li l-aggravji huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Jesmond Pulis, għalkemm notifikat ma jirriżulta li ppreżenta tweġiba għalkemm deher fl-udjenza tad-19 ta' Mejju 2017.

**Ikkunsidrat:**

10. Illi l-fatti kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:

- Skont il-ftehim datat 18 ta' Frar 2011,[7] it-trukk Volvo Transporter inbiegħ mill-attur Joseph Camilleri lill-intimati Jesmond Pulis u Lorry Theuma bil-prezz ta' €14,000 li minnhom €1,000 tħallsu bħala depożitu fil-5 ta' Frar 2011 u €10,000 tħallsu fit-18 ta' Frar 2011. Il-partijiet ftehmu li **l-bilanċ ta' €3,000** kellu jingħata lill-attur:

    (i) hekk kif jagħmel l-ewwel vjaġġ minn Malta għall-Ingilterra u mill-Ingilterra għal Malta;
    (ii) hekk kif ir-'*restriction of transfer'* titneħħa;
    (iii) jekk la darba t-trukk m' għandu l-ebda problemi kemm mad-dwana u pulizija ta' Malta u l-Ingilterra, li ma jkunx jista' jopera, u
    (iv) Ladarba it-trukk jiffunzjona mekkanikament tajjeb inkluż trailer.

- wara numru ta' vjaġġi minn Malta għall-Ingilterra u lura, l-imsemmija vettura ġiet *garaged* u l-liċenzja tagħha kanċellata fil-15 ta' Novembru 2011.[8]

[7] Fol. 2.
[8] Fol. 62 – 64.

11. Illi permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant Lawrence sive Lorry Theuma ilmenta li t-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq l-iskrittura tat-8 ta' Jannar 2011, meta rriżulta li t-trukk hemm imsemmi, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBP 697 ma jeżistix u qatt ma ġie trasferit lill-konvenuti peress li l-istess numru ta' reġistrazzjoni ġie ndikat b' mod żbaljat fuq l-istess kitba privata, imma ma saret l-ebda talba għall-korrezzjoni ta' tali numru ta' reġistrazzjoni.

12. L-appellat Joseph Camilleri wieġeb li dan l-aggravju huwa frivolu peress li dan il-punt ġie ċċarat. It-tliet partijiet kienu konxji liema vettura kienet l-oġġett tan-negozjati bejniethom u żball ġenwin fl-iskrittura privata, li ġie rimedjat in atti permezz ta' digriet mogħti f' Marzu 2012 ma jistax jeżonera lill-appellant mill-obbligi tiegħu li joħorġu mill-istess skrittura.

13. Permezz ta' rikors datat 9 ta' Marzu 2012,[9] l-attur talab lit-Tribunal jogħġbu jawtorizzah jagħmel din il-korrezzjoni fit-talba fl-atti tal-kawża u dan billi n-numru tar-reġistrazzjoni jiġi jaqra EBP647. Din it-talba ġiet bażata fuq il-premessa li fid-dettalji dwar it-talba fil-kawża *deo quo* sar żball minħabba li n-numru ta' reġistrazzjoni tat-trailer imsemmi ġie mniżżel bħala EBP697 minflok EBP647 u li '*b' mod erronju dan l-istess numru ta' reġistrazzjoni kien diġa tniżżel bħala EBP697 fuq l-iskrittura datata 18 ta' Frar 2011 li tinsab mmarkata fl-atti ta' din il-kawża bħala Dok JC1.'*

14. Inoltre, permezz ta' xhieda[10] mogħtija fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2012, l-attur jgħid li, '*jiena fl-iskrittura li għamilt annessa bħala Dok JC1 kelli żball fin-numru tat-trailer dan ġie ripetut meta nfetħet il-kawża fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Jesmond Pulis et. Ngħid li n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trailer ... huwa EBP647 u mhux EBP697.'*

15. Fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2012,[11] it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur.

16. Mill-atti hu ċar li n-numru ta' reġistrazzjoni kien tniżżel bħala EBP697 minflok EBP647 fl-iskrittura a fol. 2 tal-proċess bi żball. Fatt li ma ġiex kontestat mill-konvenuti meta xehedu.

17. Għaldaqstant tiċħad l-aggravju.

---

[9] Fol. 19.
[10] Fol. 18.
[11] Fol. 22.

18. Permezz tat-tieni aggravju imbgħad, Lawrence Cutajar jilmenta li t-trukk, dak bin-numru ta' reġistrazzjoni EBP 647, ġie eventwalment trasferit lill-XTC Towing Services Ltd., li huwa m' għandu l-ebda sehem fiha.

19. Il-vettura Volvo 380 Car Transporter inbiegħet bl-iskrittura tat-18 ta' Frar 2012. Din l-iskrittura tgħid b' mod ċar li *'Joseph Camilleri 217158(M) qed ibiegħ it-trukk Volvo Car Transporter ... għall-prezz ta' €14,000 lil Jesmond Pulis 105965(M) u Lorry Theuma 667658(M)'* u l-istess ġiet <u>iffirmata</u> minnhom kollha, inkluż l-appellant.

20. Kif tajjeb qal it-Tribunal:

> *'Dan sar wara li l-Konvenuti ftehmu sħubija bejniethom li għaliha l-Attur kien estraneju. Quddiemu, l-attur kellu liż-żewġ Konvenuti u l-obbligi li joħorġu mid-Dok JC1 baqgħu, f' għajnejn l-Attur, dak li kienu minkejja li wara dik is-sħubija spiċċat. Dan ifisser li l-Konvenut Theuma ma ħelisx mill-obbligi tiegħu lejn l-Attur.'*

Mill-provi ma rriżultax ta' x'wassal sabiex il-vettura ġiet reġistrata f'isem XTC Towing Services Ltd. Fid-dokument a fol. 45 jissemma Jesmond Pulis bħala *contact person*.

21. Bl-istess *ratio* tat-Tribunal, ladarba l-appellant Theuma obbliga wkoll ruħu li jħallas il-bilanċ pendenti ta' €3,000 f'każ li jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet 'l fuq ċitati, fatt ikkonfermat minnu stess fl-affidavit tiegħu,[12] Theuma ma jistax jaħrab minn din l-obbligazzjoni sempliċement għaliex il-vettura ġiet reġistrata f'isem kumpanija. Dan il-fatt ma jeħilsux mill-obbligi tiegħu lejn l-attur. Jekk għandu xi kwistjonijiet ma' Pulis, dik hi materja li jrid jaraha miegħu u mhux mal-attur. Għaldaqstant tiċħad ukoll it-tieni aggravju.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[12] Fol. 67.